MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 245/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. P. Caruana)**
**Vs**
**James Demanuele**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl- 14 ta' Lulju 2008 ghall-habta tal- 10.30am gewwa Triq San Patrizju, f' Birzebbuga;

1) Bil- hsieb li jaghmel ferita ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Elena Maria Felice u Josephine Felice, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, meta saq fid-direzzjoni tal-istess persuni bil-vettura tal-ghamla Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni BBE 624, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta' tieghu;

2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe’ vettura bin-numru tar- registrazzjoni HAS 198, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara jiskorri l-elf, mija w ergbha w sittin Ewro w disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax-il Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta’ Elena Maria Felice;

3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-istess vettura b’numru tar- registrazzjoni BBE 624 ta’ ghamla Fiat Uno b’manjiera perikoluza, traskurata w bla kont;

4) fl-14 ta’ Lulju w fil-granet ta’ qabel gab ruhu b’tali mod li kkaguna lil haddiehor biza’ li ser tintuza vjolenza meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li b’tali mgieba tieghu se jikkaguna lil haddiehor biza’;

5) matul l-ahhar xhur f’diversi mkejjen fil-Gzejjer Maltin, gab ruhu b’mod li ta fastidju lil Elena Maria Felice u/ jew b’mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta fastidju ghall-imsemmija Elena Maria Felice;

6) fl-istess data, lok u hin kiser il-paci pubblika w il-bon ordni b’ghajjat, storbju jew mod iehor;

7) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Elena Maria Felice jew, jekk kien pprovokat, ingurjaha b’mod li johrog barra mill- limiti tal-provokazzjoni;

8) irrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati w tal- Appell Kriminali ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli [Sic!] ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel akkuza w ghaldaqstant illiberatu filwaqt li sabitu hati tat-tieni, t-tielet, ir-raba’, l-hames, is-sitt, is-seba’ w it-tmien akkuzi w ikkundannatu tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati tal-akkuza tat-tentattiv ta' ferita gravi, tikkonfermaha dwar l-akkuza tal-ksur tal-paci pubblika, t-theddid kontravenzjonali, r-recidiva w li saq minghajr licenzja, w tirrevokaha ghall-kumplament u minflok il-piena nflitta taghti wahda li iktar taghmel ghall-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti :-

1. illi f'dan il-kaz kien hemm zewg verzjonijiet, wahda ta' Elena Maria Felice w l-ohra ta' James Demanuele. Elena Maria Felice qalet li saq apposta w laqtilha l-"mudguard", filwaqt li James Demanuele jghid li fittxitu apposta fejn kien qieghed joqghod biex tipprovokah umbaghad tipprezenta ruhha bhala l-vittma. Fuq id-danneggament lanqas kien hemm il-prova certa li dan kien danneggament volontarju da parti ta' James Demanuele. Kien fatt illi bl-ebda mod ma kien qieghed la jipprevedieh, la jistennieh u la xejn u anke kif saret il-habta jhalli dubju dwar din il-volontarjeta' kollha. Kieku fil-fatt ried jidhol fil-karozza taghha apposta (u bl-alleggazzjoni li ghamlet ukoll tat-tentattiv ta' ferita gravi) id-daqqa ma kinitx tkun biss fil-parti ta' quddiem tal-vettura;
2. l-istess argumenti dwar ir-reat ta' qabel qed jigu registrati hawn ghaliex ma tirrizulta l-ebda perikolozita', la traskuragni w lanqas sewqan bla kont da parti tieghu;
3. illi gie misjub hati wkoll li kkaguna lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza meta missu kien jaf li l-imgieba tieghu kienet ser tikkaguna biza' lil haddiehor. Ghandu jinghad li dan ir-reat, jekk wiehed irid jaghti d-definizzjoni legali, jrid ikollu kriterju oggettiv li s-sitwazzjoni tkun tali li l-persuna l-ohra tibza' fir-realta' mhux ikollha biss semplicement apprensjoni li tista' tintuza vjolenza. Jekk kellha tinghata nterpretazzjoni wiesgha dan ir-reat jista'

jibda jigi ppruvat anke fuq il-posizzjoni soggettiva ta' l-allegata vittma. It-test oggettiv huwa mholli naturalment fil-gudizzju tal-Qorti. F'dan il-kaz huwa manifest illi Elena Maria Felice ma kinitx qeghda fl-ebda mument tibza' minn James Demanuele. Minhabba r-relazzjoni taghhom kienet taf fejn kien qieghed joqghod James Demanuele w ma ddejqet xejn li tmur bi skuza banali li riedet twassal lil ommha l-ETC li tmur tinbxu halli mbaghad tista' taghmillu r-rapporti. Kemm it-triq San Patrizju w kemm it-Triq San Dwardu f'Birzebbuga mhumiex toroq principali li wiehed jghaddi ghalihom biex imur l-ETC. Lanqas huwa kredibbli li wiehed ma jippruvax imur lejn l-ETC jew minn naha ta' l-"Airport" jew inkella jibqa' jdur mal-Bajja ta' Birzebbuga w jmur lejn Hal-Far, ghaliex it-triq naturali certament hija dik li n-nies jafu w li wiehed jista' jimxi maghha minghajr ma jikkomplika l-hajja bla bzonn fis-sewqan. Hawnhekk ghalhekk ma jistax jinghad illi gie ppruvat dik il-biza' oggettiva w lanqas hija kredibbli li jinghad li kien hemm tali biza';

4. illi l-appellant qieghed jappella wkoll mill-akkuza li gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Elena Felice. Anke kif inki qeghda l-akkuza huwa manifest li hemm inkorporati incidenti ohrajn li diga' gew decizi w li sahansitra fuqhom giet akkampata r-recidiva, w dan ghaliex anke kif kemm-il darba kien hemm l-opportunita' li tixhed Elena Felice dejjem tqanqal incidenti ta' qabel. Ir-reat ta' fastidju jew ta' "harassment" certament jimplika li l-persuna tmur tfittex lil ohra. F'dan il-kaz gara proprju bil-maqlub, ma kienx l-appellant li mar ifittex lil Elena Maria Felice imma kienet hija bl-iskuza banali li tat li kien qisu qieghed ifittixha hu biex jaghtiha fastidju.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi fl-ewwel lok meta l-Qorti giet biex taghti s-sentenza w ghaddiet biex tezmina l-artikoli li tahthom l-appellant instab hati, sabet lakuna sostanzjali fis-sentenza appellata

ghax l-Ewwel Qorti ma ccitatx l-artikoli li tahthom sabet htija u qalet biss:-

***“Wara li rat l-Artikoli***” bhala ma semmiet xi artikolu wiehed li tahtu sabet htija.

Illi skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi skond gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita’ tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali. F’ kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza w tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-mertu skond l-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali (ara f’ dan is-sens: **“Il-Pulizija vs. Paul Cachia**” [25.9.2003] ; **“Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**” [9.9.2002]; **“Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat**” [10.7.2002 u 28.6.2002] **“Il-Pulizija vs. Donald Cilia**” [24.4.2002] u ohrajn), b’ dana pero’ li fejn l-Ewwel Qorti tkun illiberat minn xi imputazzjoni, dik il-parti tibqa’ treggi. Dan ghaliex, kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta Mill-Onor. Imhallef (illum Prim’ Imhallef) V. De Gaetano fl-appell kriminali **“Il-Pulizija vs. Charles Micallef”** [23.6.1995]:- *“…”tali thassir japplika biss ghal dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant instab hati. Dan hu hekk peress li, l-ewwel nett, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jesigi li tigi indikata d-dispozizzjoni tal-ligi biss fejn tkun qed tinstab htija u mhux ukoll f’ kaz ta’ liberazzjoni; u t-tieni nett, il-ghaliex kieku kien mod iehor, ikun qieghed indirettament jigi estiz id-dritt ta’ appell ta’ l-Avukat Generali bi ksur ta’ l-artikolu 413 (10 (b).”*

Illi fil-kaz in ezami, jidher manifest li l-Ewwel Qorti – x’aktarx bi zvista – naqset li ssemmi l-artikoli li tahtom sabet htija w dan jirrendi s-sentenza appellata nulla salv fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni, kif appena ntqal.

Ghalhekk prevja d-dikjarazzjoni tan-nullita’ tas-sentenza appellata, ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid b’ dan li tqis l-aggravji tal-appellant biss bhala sottomissjonijiet tal-linji difensjonali tal-appellant.

L-appellant illimita s-sottomissjonijiet tieghu ghall-certi akkuzi w cioe’ l-akkuza ta’ hsarat volontarji mertu tat-tieni imputazzjoni, dik ta’ sewqan perikoluz mertu tat-tielet imputazzjoni, l-akkuza li kkaguna biza’ skond ir-raba imputazzjoni w dik li gab ruhu b’ tali mod li ta fastidju lil Elena Maria Felice, kompriza fir-raba’ imputazzjoni.

Ikkonsidrat;

Jirrizulta mill-provi traskritti li dan l-incident inqala’ meta fl-14 ta’ Lulju, 2008, Elena Maria Felice - li ghal xi zmien kienet l-amanti jew konviventi tal-appellant - kienet ghaddejja ssuq il-karozza taghha Maruti numru HAS 198 minn Triq San Patrizju, Birzebbugia biex tmur l-ETC Hal Far, biex tara xi haga dwar xi registrazzjoni t’ommha, li kienet ukoll passiggiera fl-istess karozza. Felice xehdet li l-appellant li kien isuq Fiat Uno numru BBE 624, saq bil-karozza tieghu w habat maghha. Hareg mill-karozza w ingurjha w heddidha. Hi rriversjat u marret l-ghassa ta’ Birzebbugia. F’ dan kienet korroborata minn ommha Josephine Felice. L-appellant jghid li kien raha ghaddejja minn dawk l-agwati diversi drabi dak in-nhar u li kienet Elena Maria Felice li hargitlu minn *side street*. Dan l-incident kien isegwi l-istraxxiku ta’ bosta incidenti precedenti bejn il-partijiet li hafna minnhom - jekk mhux kollha - spiccaw quddiem il-Qrati, inkluza din il-Qorti.

Ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni ta’ htija ta’ hsarat volontarji l-appellant jghid li hemm zewg versjonijiet; dik ta’ Felice w dik tal-appellant. L-appellant jghid li Felice marret tfittxu apposta biex tipprovokah. Inoltre jghid li ma hemmx il-provi li d-danni kienu volontarji. Issa, fil-waqt li hu minnu li hemm zewg versjonijiet alkwantu kontrastanti ta’ kif graw il-fatti w dan jiggenera konflitt fil-provi, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: “**Il-Pulizija vs. Joseph Thorne”** [9.7.2003] :-

*"… mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux."*

Issa f' dan il-kaz Jirrizulta mill-fotografiji esebiti li l-hsarat fiz-zewg vetturi kienu jikkonsistu f' taghtin hafif fuq ir-right front wing taz-zewg vetturi w ghafsa 'l gewwa fuq il-bieba tal-lemin ta' quddiem tal-vettura HAS 198 misjuqa mill-parte civile Elena Maria Felice, li fuqha kellha ukoll marki ta' thakkik. Dan jidher li kien ir-rizultat ta' *"glancing blow"* bejn in-*"near sides"* taz-zewg vetturi. Il-hsarat fil-vettura ta' Felice, skond l-istima tas-surveyor esebita (fol. 49) kienu jammontaw ghal Ewro 281 ghax-xiri ta' parts u Ewro 468 ghax-xoghol, u dan eskluz il-VAT fuq dawn l-ammonti w xi Danni ghal-"*loss of use".* Skond l-Ispettur Priscilla Caruana, fil-karozza tal-appellant kien hemm qiesha daqqa zghira u xi hsara fix-*shaft* tar-rota. Raymond Farrugia li sewwa l-car tal-appellant xehed (fol. 113) li peress li l-karozza tal-appellant hadet daqqa gor-rota hareg *shaft* minn postu. Il-karozza ma setghetx tinsaq kif kienet. Il-hsara pero' ma kienetx kbira.

**Elena Maria Felice** ddeskriviet l-incident hekk:-

*"Kont sejra l-ETC u waqt li ghaddejja minn Birzebbugia narah (l-appellant) niezel minn triq u ghidtilha lil mummy : 'Tippanikax ghax gej James.' Ghidtilha : 'Imma bil-mixi qieghed.' Sakemm wasalt tfixkilt go triq, hemm wahda tikser lejn il-Free Port u hemm wahda niksru lejn Hal Far. Hemmhekk hierga, qieghda fuq STOP SIGN, gie James jigri, qiesu ghalaqli t-triq u saq ghal go fija. U beda jidghi u qalli : 'Qed tara kif minn taht idejja tghaddi.' U kif rajtu niezel ghalijja, jien mort intella' l-pum nigri, qsamtu ma nafx hux bid-daqqa jew bil-panik li kelli fuqi. Irriversjajt u bqajt sejra l-ghassa minnufieh… Dahal fil-bieba tieghi. …Jien qieghda hawnhekk ara wieqfa, hawn hekk Stop sign u hu gej minn dik in-naha hekk. U hu mbaghad kif rani, dar hekk, pupp, u dahal go fija."* U ziedet tispjega lill-

*Ewwel Qorti: "Gie ghal go fija minnufieh . Hu kien gej minn din it-triq…..U mbaghad ghamel bhal qiesu movement bhal meta jaghalqli t-triq u saq gas down ghal go fija. U igiefieri kieku ma kontx wieqfa…."*

**Josephine Felice,** li kienet riekba ma bintha ddeskriviet l-incident hekk:-

*"Konna fuq STOP SIGN sewwa? U ahna u nistennew gie James minn naha hekk, gas down, u baqa' diehel fuq in-naha ta' fejn issuq it-tifla. Il-bieba. Ghawwigilna r-rota u beda jghajjat. Alla hares tajnieh cans jinzel….. It-tifla gieha naqra kuragg, irriversjat harira u morna l-ghassa ta' Birzebbugia. Daqshekk."* (fol. 58 u 59 tal-process).

**L-appellant**, meta kellem lil PS 853 Frank Sciberras, l-ewwel beda biex qal li din kienet habta normali w li kienet Felice li dahlet fih umbaghad kkontradica ruhu meta qal li Felice kienet **ipprovokatu** ghax minn Wied il-Ghajn ma kellhiex ghalfejn tghaddi minn quddiem it-triq tieghu. (fol. 53)

Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti (fols. 99 sa 105) **l-appellant** qal l-ewwel kien ra lil Felice ghaddejja bil-car u daret mal-*block* waqt li qed ipejjep sigarrett. Hareg jixtri gazzetta w regghet ghaddiet minn mal-*block* xi kwarta wara. Ghaddew 20 minuta w rega' hareg ghax kellu habib tieghu il-Freeport. Mar hemm imma dal-habib tieghu ma kienx hemm meta staqsa ghalih. Qalulu biex jghaddi kwarta ohra. Rega' mar u fid-daqqa w l-hin ra lil Felice dahlitlu mal-karozza Fiat Uno. Irriversjat u baqghet sejra l-ghassa w lilu mad-daqqa qalghetlu s-*shaft* u ma setghax isuq il-car. Kienu habtu gemb ma gemb.

Ikkonsidrat;

Din il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti rirrizulta li l-imputat deliberatament saq ghal fuq il-vettura ta' Felice. Biex ir-rota gratilha l-hsara li garrbet bil-fors li kienet imdawwra 'l barra lejn id-direzzjoni tal-car ta' Felice fil-hin tal-impatt u dan jindika li - ghal xi raguni li jaf hu - l-appellant kien dawwar ghal fuq il-car ta' Felice b' mod li t-

tyre tal-istess rota umbaghad hakk u halla marka fuq il-bieba tal-car ta' Felice kif jidher mir-ritratti. Fl-assenza ta' xi hsarat notevoli fuq ir-*right front mudguard* tal-car tal-appellant, din hi l-unika spjegazzjoni plawsibbli tad-dinamika tal-incident li tohrog mill-provi indizjarji konsistenti fil-hsarat fil-vetturi rispettivi.

L-appellant beda biex qal li din kienet habta normali w wahda accidentali. Pero', min jahbat accidentalment ma jahbatx ghax ikun "provokat". U min jahbat ghax ikun "provokat", jahbat ghax ikun irid jirrejagixxi ghall-"provokazzjoni".

Illi mbaghad dwar l-allegazzjoni li l-incident gie provokat minn Felice ghax ghaddiet minn dik it-triq meta ma kellhiex ghalfejn tghaddi minn hemm biex tmur Hal Far, anki jekk dan hu minnu, dan ma kien jintitola bl-ebda mod lill-appellant li jsuq ghal fuqha. L-eccezzjoni tal-provokazzjoni ma testendix ghar-reati ta' hsarat volontarji imma hija linja ta' difiza li hi applikabbli biss ghar-reati komprizi fit-Titolu VIII tat-Tieni Taqsima tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali w cioe' d-delitti kontra l-persuna. Hadd ma jista' jargumenta li mar u habat ma karozza ohra ghax hassu urtat mil-fatt li sid dik il-vettura ghazel li jghaddi minn triq partikolari.

Ghalhekk dawn is-sottomissjonijiet difensjonali dwar dan ir-reat qed jigu respinti.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tat-tielet imputazzjoni ta' sewqan b' manjiera perikoluza, traskurata w bla kont, kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' *"degree".* (App.Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo** [14.3.59] ; **Pul. vs. Wilson** Vol. XXXIX p. 1018 u **Pul. vs. Alfred Vella** Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham** , [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' "*recklessness"* (App. Krim. **Pul. vs.**

**Charles Farrugia** XXXIX p. 1018.) *"Recklessness"* giet defenita bhala *"wilfully shutting one's eye".* (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina**, [20.4.1963]). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri** , Vol. XLIV , p.892)

Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali: **"The Police vs. Gunner Brian Wilson**" [7.5.1955] li :-

*"It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving."* (ara ukoll f' dan is-sens: App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Manwel Mallia"** [9.3.1959] u **"Il-Pulizija vs. Charles Bartolo"** [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)

Umbaghad fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes"** ( [3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li:- *"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari."*

*"Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u non-kuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu ."* (ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Charles Farrugia"** [5.3.1955] Vol. XXXIX, iv. p.978)

Insomma, kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta' **Mallia** u **Bartolo** fuq citati "*kriterju facli bejn sewqan negligenti w*

*sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit, kif lanqas wiehed ma jista' jaghti definizzjoni preciza ta' sewqan perikoluz. Il-kwistjoni hija kollha wahda ta' "degree" u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu."*

Ikkonsidrat;

Fil-fehma ta' din il-Qorti f' dan il-kaz jirrizulta sewqan hazin fi grad ta' sewqan perikoluz ghax dak li gara ma garax b' nuqqas ta' hsieb jew traskuragni imma b' mod deliberat biex issir hsara. Dar-reat pero' ghall-fini tal-piena jkun assorbit fir-reat inkluz fit-tieni imputazzjoni peress li skond l-artikolu 17(h) serva bhala mezz ghall-fini biex jigi kommess ir-reat aktar gravi ta' hsarat volontarji.

Ir-reati fir-raba' u l-hames imputazzjonijiet gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi Maltija bl-Att XX tas-sena 2005

L-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Dan hu r-reat dedott fir-raba' imputazzjoni. Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("*whose course of conduct is in question*"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-*reasonable man*. Hemm ukoll f' dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251 (3) (a) u (b) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal-harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta' taghha jew ta' haddiehor.

Ikkonsidrat;

Ghar-rigward tar-reat taht il-hames imputazzjoni li jirrigwarda dak li matul l-ahhar xhur, f' mkejjen fil-Gzejjer Maltin, gab ruhu b' mod li ta fastidju lil Elena Maria Felice,

dan hu r-reat tal-“fastidju” (fit-test Ingliz *“harassment*”) ukoll introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A w 251C tal-Kodici Kriminali.

L-artikolu 251A johloq ir-reat ta’ persuna li ggib ruha b’ mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b’ mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta’ fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b’ mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta’ persuna ohra jekk fil-qies ta’ persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3) ( c ) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b’ reat taht dan l-artikolu tista’ ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta’ fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata’: (“*alarming”)* jew idejjaq: (“*causing ..distress”)* lill-persuna.

Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "h*arassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-

"*Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",*

dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-

*"…. f’ kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista’ tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta’ fastidju fuq periodu ta’ zmien."*

Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha.

Ikkonsidrat;

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *("alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew *"harassment".* Issa fil-waqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati.

Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.

Illi pero' ghar-rigward tar-raba' w l-hames imputazzjoni, mix-xiehda ta' Elena Maria Felice w ommha Josephine ma jissemma xejn dwar xi incidenti precedenti ghal dak tal-14 ta' Lulju, 2008 u ghalkemm mill-fedina penali tal-appellant jirrizulta li fil-fatt kien hemm diversi incidenti ohra bejn il-partijiet li wasslu ghal kundanna tal-appellant fil-Qrati, dawn certament ma jistghux ikunu wkoll il-bazi ta' din l-akkuza jekk dwarhom kien hemm diga' sentenzi li ghaddew in gudikat, in omagg ghall-principju ta' *"autrefois convict"* jew *"ne bis in idem".* Illi ghar-rigward tal-incident tal-14 ta' Lulju, 2008, apparti l-habta ma jirrizulta xejn hlief li immedjetament wara kien hemm it-theddid u d-dagha. Dan fil-fehma tal-Qorti jammonta ghall-incident wiehed u jrid jitqies "unico contextu". Ghalhekk fir-rigward ta' din il-hames imputazzjoni ma rrizultatx il-pluralita' ta' incidenti implikati fil-frazi *"course of conduct"* (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex

jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza' . (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Raymond Parnis"** per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]).

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti dawn ir-reati komprizi fir-raba' w fil-hames imputazzjonijiet ma jirrizultax pruvati ghax ma rrizultawx pluralita' ta' incidenti li huma element kosituttiv tar-reat.

Invece, jirrizultaw pruvati ampjament is-sitt w s-seba' imputazzjonijiet ta' ksur tal-buon ordni w ingurji w theddid fil-konfront ta' Elena Maria Felice kif ukoll it-tmin addebitu tar-recidiva, (ara sentenzi esebiti: Dok. PC 2 u PC 3) u li dwarhom ma jidhirx li hemm kontestazzjoni skond ir-rikors tal-appell.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li fl-ewwel lok qed thassar u tannulla s-sentenza appellata ghar-raguni fuq imsemmija ghax tippekka kontra d-dispozittiv tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, u dan hlief ghall-parti ta' dik is-sentenza li ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni, li ghandha tibqa' treggi, qed tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-mertu bil-mod kif gej:-

1. Tikkonferma l-liberazzjoni mill-ewwel imputazzjoni kontenuta fil-parti tas-sentenza appellata li ma gietx annullata.

2 . Issib lill-appellant hati tat-tieni, tat-tielet, tas-sitt u tas-seba imputazzjoni kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva, b' dana li t-tielet imputazzjoni ghall-fini tal-piena hija assorbita fit-tieni imputazzjoni ghax serviet bhala mezz biex seta' jigi kommess ir-reat ta' danni volontarji kontenut fit-tieni imputazzjoni skond l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

3. Ma ssibx lill-appellant hati tar-raba' w tal-hames imputazzjonijiet w minnhom tilliberah.

U, wara li rat l-artikoli 17 (b) (d) u (h), 325 (1) (b), 49, 50, 338 (dd) u 339 (1) (e) tal-Kodici Kriminali w l-artikolu 15 (1) (a) (2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-appellant ghal tnax (12) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------